*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,179, 15 ta' Settembru, 1989*
*Taqsima C*

# Nru. 99

15. 9. 89

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Michael Falzon, M.P., Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-27 ta' Lulju, 1989.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1977 dwar l-Enemalta.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Michael Falzon, M.P., Minister for Development of Infrastructure, and read the First time at the Sitting of the 27th July, 1989.

**AN ACT to amend the Enemalta Act, 1977.**

P. MUSCAT TERRIBILE
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1977 dwar Enemalta.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

Att Nru. XVI ta' l-1977.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 li jemenda l-Att dwar l-Enemalta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1977 dwar l-Enemalta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Minflok is-subartikolu (1) l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ħlief bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija għal raġunijiet speċjali, Enemalta ma għandha tidħol f'ebda kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjali, barra minn pitrolju, jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, li jkun stmat mill-Bord li jkun jiswa iżjed mis-somma ta' għaxart elef lira, jew dik is-somma li l-Ministru bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi b'Ordni fil-Gazzetta, kemm-il darba avviż tal-ħsieb tal-Korporazzjoni li tagħmel il-kuntratt ma jkunx ġie pubblikat u nkunu ħarġu offerti kompetittivi.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' l-Abbozz huwa li jżid il-valur ta' kuntratti diretti li jistgħu jingħataw mill-Enemalta għall-provvista ta' oġġetti jew ta' materjal jew għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, għal ammont li hu iktar konformi mal-valuri tal-lum. L-Abbozz jipprovdi wkoll għall-bidla ta' dawk il-valuri fil-futur.

# A BILL
## entitled

*AN ACT to amend the Enemalta Act, 1977.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

Act XVI of 1977.

**1.** This Act may be cited as the Enemalta (Amendment) Act, 1989, and shall be read and construed as one with the Enemalta Act, 1977, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 35 of the principal Act.

**2.** For subsection (1) of section 35 of the principal Act there shall be substituted the following:

"(1) 35. Except with the approval of the Minister granted for special reasons, Enemalta shall not enter into any contract for the supply of goods or materials, other than petroleum, or for the execution of works, which is estimated by the Board to exceed in value the sum of ten thousand liri, or such sum as the Minister with the concurrence of the Minister responsible for finance, may from time to time by Order in the Gazette establish, unless after notice of the intention of the Corporation to enter into the contract has been published and competitive tenders have been issued.".

---

## Objects and Reasons

The Object of the Bill is to increase the value of direct contracts which may be granted by Enemalta for the supply of goods or materials or for the execution of work, to a sum more consonant with today's values. The Bill also provides for the change of such values in the future.